## 1 ta' Diċembru, 1948.

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Helen Cutmi *versus* Avv. Dr. Joseph Decira Buttigieg ne.**

**Subasta — Offerti "Animo Compensandi" — Approvazzjoni tal-Kompensazzjoni — Art. 334, 335, 336 u 340 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta wieħed jixtri fond f'subasta ġudizzjarja, u jixtrieh "animo compensandi", u allura jitlob li tiġi approvata l-kompensazzjoni, sa l-entranti kwantità, bejn il-kreditu tiegħu u l-prezz li bih ikun meritlu l-liberazzjoni tal-fond, min għandu interess jista' jopponi dik il-kompensazzjoni jekk ikollu raġuni tajba.*

*Il-fatt illi xi interessat jirrispondi li hemm bżonn li l-prezz jiġi depożitat, għax hemm kredituri oħra, anki privileġġjati, ta' l-eżekutat, mhux raġuni tajba biex tiġi opposta l-kompensazzjoni. Dik it-tweġiba tammonta għal oppożizzjoni għat-talba tal-kompensazzjoni, imma mhix sostnuta minn motiv sufficjenti. F'każ simili tista' l-Qorti tissuġġetta l-kompensazzjoni għall-kondizzjoni li timponi lill-liberatarju li jiddepożita l-prezz 'il quddiem, jekk jiġi hekk ġudikat.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu moghtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-attriċi, bħala assenjata ja tal-kreditu infraskritt, li kien dovut in oriġini lill-Onorevoli Carmelo Cassar Torreggiani, b'sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 1948, ġiet awtorizzata teżegwixxi kontra l-konvenut nomine l-kuntratt publikat minn Nutar Dr. Carmelo Farrugia fid-29 ta' Marzu 1928, għas-somma ta' £80 u interessi tal-4% fis-sena mill-1 ta' Jannar 1948; u ġiet kanonizzata b'sentenza tas-6 ta' Marzu 1948, bl-ispejjeż ġudizzjarji, li skond it-taxxa (dok. A) jammontaw għal £19. 13. 4; u għalhekk, oltre krediti oħra, l-attriċi fit-30 ta' Lulju 1948 kellha tieħu s-somma ta' £101. 10. 8, kwantu għal £80 għas-sorte, £1. 17. 4 interessi, u £19. 13. 4 spejjeż; u peress illi, wara li ġiet debitament awtorizzata biex toffri "animo compensandi" fis-subasta fl-ismijiet "Carmelo Cassar Torreggiani et. vs. Avukat Dr. Joseph Desira Butigieg ne.", fit-30 ta' Lulju 1948 ġie liberat a favur ta' l-attriċi "animo compensandi", bil-prezz ta' £75, l-utili do-

minju temporanen għaż-żmien li fadal mill-enfitewsi għal 150 sena li bdew fil-15 ta' Awissu 1913, ta' l-art imsejħa "Ix-Xagħra ta' fuq l-Irdum" fil-limiti tal-Mellieħa, u tmiss min-nofsinhar ma' ġid tal-Gvern, u mit-tlitt irjieħ l-oħra ma' ġid tal-Kattidral, ta' l-estensjoni ta' madwar 187 tomna, li minnhom dwar 142 tomna huma blat; fuq dina l-art hemm xi siġar tal-ħarrub u tat-tin, u siġra taż-żebbuġ; ma' din l-art jagħmlu wkoll (c) biċċa blat imsejħa "Tal-Għaqbiet" ta' l-estensjoni ta' żewġt itmien, tmiss mil-lvant ma' triq imsejħa "Ta' l-Imxaħxħa", minn nofsinhar ma' sqaq ir-razzett, u mill-punent ma' ġid tal-Kattidral; fuq dina l-art hemm kamra żgħira u siġra tal-ħarrub; u (b) nofs mhux maqsum tal-għalqa msejħa "Taċ-Ċens tar-Rieqed", ta' l-estensjoni ta' tlitt itmien u ħames sigħan, tmiss mill-punent ma' triq "Ta' Selmun", u mil-lvant u nofsinhar ma' l-isqaq "Ta' l-Ibraġ", soġġett għaċ-ċens temporanen ta' £13. 10. 0 fis-sena u għad-dritt tal-kaċċa favur l-istess Helen Curmi, skond l-att tan-Nutar Dottor Carmelo Farrugia tad-29 ta' Marzu 1923; u peress illi hija ddeduċiet il-kompensazzjoni fuq indikata b'ċedola ppreżentata fir-Reġistru u taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-30 ta' Lulju 1948 (dok. B); u peress illi Carmelo Cassar Torreggiani, kreditur ieħor eżekutant, aderixxa għall-approvazzjoni tal-kompensazzjoni, imma oppona ruħu l-konvenut, debitur, għar-raġuni li, kif igħid hu, hemm kredituri oħra poziuri (dok. C), u għalhekk din il-Qorti, b'digriet tal-21 ta' Settembru 1948, mogħti wara ċ-ċedola, ordnat lill-attriċi li tipproċedi skond id-dritt; (1) jiġi dikjarat u deċiż illi hi għandha d-dritt illi tikkompensa s-somma ta' £74. 4. 9, bilanċ tal-prezz tal-liberazzjoni ta' li-stabili fuq indikati (peress li naqqset nofs id-dritt tal-liberazzjoni, insinwazzjoni u banditur, imħallsa minnha nterament) ma' l-entranti kwantità tal-fuq imsemmi kreditu tagħha, u preċiżament għas-saldu ta' l-ispejjeż ġudizzjarji privileġġjati ammontanti għal £19. 13. 4 skond l-imsemmija taxxa, a saldu ta' l-interessi sat-30 ta' Lulju 1948 ammontanti għal £1. 17. 4, u l-bqija, ċioè £52. 14. 1 akkont tal-kapital bilanċjali ta' £80 skond l-att tan-Nutar Dr. Carmelo Farrugia tad-29 ta' Marzu 1923 u s-sentenza ta' dina l-Qorti tas-6 ta' Marzu 1948, salv id-dritt ta' l-attriċi għall-bilanċ ta' £27. 5. 11, interessi ulterjuri tal-4%

fis-sena mill-1 ta' Awissu 1948 sal-pagament, u kull kreditu ieħor ta' l-attriċi kontra l-konvenut nomine; (2) tiġi għalhekk approvata l-kompensazzjoni magħmula bl-imsemmija ċedola tat-30 ta' Lulju 1948, fl-ismijiet "P.L. Roberto Dingli ne. vs. Avv. Dr. Joseph Desira Buttigieg ne.", non ostanti l-oppożizzjoni tal-konvenut, għall-finijiet kollha u għall-effetti talliġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi, kull min għandu kreditu likwidu riżultanti minn sentenza, jew kuntratt, jew skrittura obligatorja, jista' per mezz ta' rikors jottjeni mill-Qorti l-permess li jagħmel offerti fil-bejgħ bl-irkant "animo compensandi". Millprovi m'hux in kontestazzjoni li l-attriċi kellha dana d-dritt għall-kreditu minnha reklamat, u li hija għamlet dik it-talba fiż-żmien li trid il-liġi. Jingħad ukoll li skond il-liġi, għall-offerta "animo compensandi" jista' jagħmel oppożizzjoni kull min għandu nteress, jew b'nota formali, jew b'attijiet oħra li l-liġi ssemmi li għandhom l-istess effett ta' oppożizzojni formali. L-istess talba għall-kompensazzjoni, magħmula b'rikors, għandha tkun notifikata lid-debitur u lil dawk kollha li jkunu opponew formalment jew b'attijiet anki li għandhom ikollhom l-effett ta' oppożizzjoni formali u li l-liġi ssemmi, b'jumejn żmien sabiex jirrispondu, u jekk ir-risposta tagħhom, jew ta' xi wieħed minnhom, tkun kuntrarja għat-talba, il-Qorti għandha tordna l-proċediment b'ċitazzjoni. Fil-każ in eżami l-konvenut nomine rrisponda għat-talba ta' l-attrliċi fissena li huwa ried jiddikjara li kien hemm diversi kredituri talmejjet Nutar Luigi Gauci Forno, u li fosthom diversi kienu kredituri privileġġjati skond il-liġi, u kien għalhekk li qal li kien hemm bżonn li l-prezz ta' l-akkwist ikun depożitat;

Illi dina r-risposta, fil-ħsieb tal-Qorti, timporta oppożizzjoni, il-għaliex jekk kienet magħmula għat-talba ta' l-attriċi għall-offerta b'kompensazzjoni, il-fatt "li kien hemm bżonn" li l-prezz ta' l-akkwist jiġi minnufih depożitat għar-raguni ta' krediti anterjuri, li fosthom kien hemm xi wħud privileġġjati, ma setgħetx ħlief tfisser bħala li t-talba attriċi għall-kom-

pensazzjoni, li tippresupponi n-non-depożitu, kellha tiġi mqiegħda fil-ġenb;

Illi huma l-kliem li jirrappreżentaw il-ħsieb intern tal-bniedem, u dawk l-espressjonijiet ma jistgħux jiġu ntiżi b'mod ieħor minn dak li tafhom din il-Qorti u li huma jimpurtaw;

Ikkunsidrat;

Illi r-raġuni mbagħad addotta sabiex ikun hemm id-depożitu skond ir-risposta mhux, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, motiv suffiċjenti sabiex ma tkunx approvata l-offerta kompensazzjoni; il-għaliex skond l-art. 334, 335 u 338 tal-Proċedura Ċivili, kombinati flimkien, meta l-liberatarju jiġġustifika l-kreditu tiegħu, u fl-istess ħin, in vista tal-liberazzjoni, ikun debitur tal-prezz min naħa waħda, u min-naħa l-oħra kreditur ta' l-eżekutat, l-approvazzjoni tal-kompensazzjoni għandu jkun hemm lokha bl-effetti naturali tagħha; u dina, kif sejjer jingħad aktar tard, tista' ssir jew assolutament jew taħt kondizzjoni;

Illi l-ebda parti tal-liġi "*in subjecta materia*", la "expressis verbis" u anqas taċitament, ma tgħid, jew jista' jiġi minnha dedott, li f'kawża ta' approvazzjoni ta' kompensazzjoni huwa neċessarju jew opportun l-eżami tal-krediti ta' l-opponenti sabiex jiġi stabbilit l-ordni jew il-grad tagħhom bejn id-diversi kredituri; anzi mid-diċitura ta' l-art. 340 tal-Proċedura *Ċivili jidher ċar li kwalunkwe dubju fuq dak li ntqal* jisvanixxi għal kollox. Jekk huwa hekk, fil-ġudizzju "de quo agitur", kif fermament taħseb dina l-Qorti, ir-rikjesta għad-depożitu tal-prezz ta' l-akkwist għar-raġuni opposta fin-nota tal-konvenut nomine anqas u anqas jista' jkollha forza li tissospendi jew tagħti motivi li tiġi miċħuda l-approvazzjoni. *Jista' biss dik ir-risposta* jkollha l-effett, mhux li l-Qorti tordna minnufih id-depożitu—ħaġa li hija kontra l-effett naturali tat-talba ta' l-attriċi għall-approvazzjoni tal-kompensazzjoni—imma biss li tiġi mposta l-kondizzjoni msemmija fl-art. 340 ta' l-istess Proċedura Ċivili;

Illi f'dana s-sens, u taħt dina l-kondizzjoni, it-talba attriċi timmerita li tkun milqugħa;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara illi l-attriċi għandha d-dritt illi tikkompensa s-somma ta' £74. 4. 9, bilanċ tal-prezz tal-liberazzjoni ta' l-istabili kif espost fiċ-ċitazzjoni, ma' l-en-

tranti kwantità tal-fuq imsemmi kreditu tagħha, u preċiżament għas-saldu ta' l-ispejjeż ġudizzjarji privileġġjati ammontanti għal £19. 13. 4, skond it-taxxa msemmija, u saldu ta' l-interessi sat-30 ta' Lulju 1948 ammontanti għal £1. 17. 4, u l-bqija, ċjoè £52. 14. 1 akkont tal-kapital bilanċjali ta' £80 skond il-kuntratt imsemmi; li għall-eżekuzzjoni tiegħu ġiet awtorizzata taġixxi bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu 1948; bil-kondizzjoni tar-ridepożitu tal-prezz u l-imgħax, jekk hekk ikun ġudikat, u bir-riżerva għall-bilanċ u nteressi skond kif jingħad fl-ewwel talba kontra l-konvenut nomine; u billi tilqa' t-tieni talba bil-kondizzjoni tar-ridepożitu tal-prezz "in toto" jew in parti, u imgħax fuq imsemmija, jekk hekk jiġi ġudikat — kondizzjoni li għandha tiġi mogħtija fi żmien tmint ijiem;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut nomine.